KUNSILL LOKALI HAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, HAL LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

# MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SEBGĦA KUNSILL

## SEDUTA NRU 46 – Il-Ħamis 21 ta' April 2016 fil-16.45hrs

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonniċi Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr. Marc Sant | Minority Leader, skużat |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Isabella Taliana | Ambaxxatriċi taż-żgħażagħ |

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.07p.m. b'introduzzjoni mis-Sindku. Hija introduċiet lil rapreżentanti tal-Green MT fejn kienu mistidna biex jispjegaw il-proposals tagħhom peress li l-kuntratt tal-Green Pak kien skada. Fost il-proposals kien hemm :

a. Il-*Collection of door to door* tal-boroż il-griżi kull nhar ta' Tlieta.
b. Il-*Collection* tal-ħġieġ kull l-aħħar ġimgħa ta' kull xahar.
c. *Provision of grey bags.*
d. Huma jagħtu *provision* ta' €500 fis-sena biex tinżamm il-Lija Cycle Day.

e. Fuq din ta' l-aħħar is-Sindku staqsiet jekk il-Kunsill ikollux joħroġ iktar fondi biex tinżamm din l-attivita'. Ovvjament dan skond x'jiddeċiedi l-Kunsill.
f. Proposta oħra hija *servicing* and *maintenance* għal żewġ bring-in-sites. Is-Segretarju spjegat li peress li kien hemm problema fir-raħal dawn il-bring-in-sites kellhom jitneħħew għax kull fejn kienu dejjem kien hemm il-problemi.
g. Is-Sindku qalet li kważi l-proposals tal-Green Pak u l-Green Mt huma kważi identiċi.

1.2 Is-Segretarju nfurmat li l-borża l-griża ta' kull nhar ta' Tlieta s'issa dejjem inġabret mill-Kuntrattur peress li t-tender hekk qiegħeda u l-Kunsill iħallas lill-Kuntrattur fuq dan il-ġbir. Ms. Anthea tal-Green Mt qalet li l-kuntrattur iħallsuh huma għal dan il-ġbir.

1.3 Is-Sinjorina Anthea reġgħet qalet li għal dan il-ġbir tal-borża l-griża, l-Kunsill għandu iħallas lill-kuntrattur u wara huma jagħtu refund lill-Kunsill.

1.4 Ir-Rappreżentanti tal-Green MT telqu mill-kamra tal-Kunsill fil-5.20p.m.

## 2. Bidu tal-laqgħa tal-Kunsill

2.1 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi ressqet ittra mingħand il-Minority Leader Dr. Marc Sant fejn talab biex jiġi *excused* għal din il-laqgħa peress li kien qed jattendi CEMR Congress ġewwa Ċipru.

2.2 Il-Kunsill approvaw din l-ittra.

2.3 Wara li saru żewġ korrezzjonijiet, fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia l-minuti nr 45 ġew approvati unanimament.

## 3. ARISING

3.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq nr 3.1 tal-Minuti u qalet li veru qed jinqata l-ħaxix u qed isir xogħol sewwa mill-kuntrattur il-ġdid tal-Ġonna, fi Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela imma peress li hemm il-ħajt qed jaqa' u t-triq qed tisfronda inqata' l-ħaxix ukoll. L-inkwiet hu l-triq ma tmurx tisfronda u isir xi aċċident.

3.2 Is-Sinjorina Farrugia qalet li fejn sar il-*patching* ma' naħa tan-Nestle tispera li sar bedding tajjeb. Is-Segretarju nfurmat li wara li sar ix-xogħol, il-Perit irid jiċċertifika li x-xogħol sar tajjeb u *up to standard.* Meta l-Perit imur biex jiċċertifika x-xogħolijiet għandna ngħidulu biex

jara jekk il-ħajt ta' Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela huwiex f'periklu jew le.

3.3 Is-Sinjorina Farrugia tkellmet fuq nr 5.10 fejn kellu jitneħħa reserved parking minn Triq Tal-Mirakli u dan għadu ma tneħħiex.

3.4 Is-Segretarju nfurmat li ntbagħtet l-ittra lir-resident fejn ġie nfurmat li dan kien ser jitneħħa kif kien diġa ġie miftiehem mill-Kunsill u nfurmat li dan ir-reserved irid jitneħħa mill-Koptasin peress li irid jiġi *scarified.*

3.5 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li fejn ġie *scarified* mill-Koptasin ġie aħrax. Għandu jiġi ikkuntatjat il-Kuntrattur biex jilixxa t-triq wara isir *scarifying.*

3.6 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li f'Tal-Mirakli ħdejn il-kappella forsi nistgħux nagħmlu sign li parking jista jsir fuq iz-zuntier waqt il-ħin tal-quddies biss. Il-Kunsill ma qabilx ma dan.

3.7 Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet sospenduta fil-5.35p.m. peress li wasal is-Sur Daniel Tabone tal-GreenPak biex iressaq il-proposals tal-GreenPak. Huwa għamel introduzzjoni żgħira fejn qal li huma koperattiva u li ilhom jaħdmu flimkien mal-Kunsill mit-2009.

3.8 Dawn il-proposals huma kważi identiċi mal-proposals tal-Green Mt fosthom :

a. Il-*weekly door to door collection* tal-boroż l-griża ta' kull nhar ta' Tlieta.
   Is-Segretarju reġgħet qalet li l-borża l-griża tinġabar mill-Kuntrattur u jitħallas il-Kuntrattur. Is-Sur Tabone qal li mhux suppost qed isir hekk u suppost il-kuntrattur qed jibagħat invoice fuq dan lill-GreenPak u mhux lill-Kunsill u huma lesti li jagħtu refund ta' kemm din ilha tiġri għalhekk irid jiġi iċċekkjat. Għal futur is-Sur Tabone qal li l-invoice trid tinħareġ mill-Kuntrattur u mhux mill-Kunsill. Huwa kompla jgħid li l-funds għal dan il-ġbir qiegħed hemm allura l-Kunsill irid jara x'ħallas u dawn jiġu *refunded* allura l-Kunsill huwa 'covered'.
   Is-Sur Tabone qal li huma ipprovaw jindagaw mal-kuntrattur imma qatt ma irċevew risposta.
b. Proposal oħra hija *servicing and maintenance* għal żewġ bring-in-sites. Il-Kunsill tkellem fuq il-problema tal-bring-in-sites fir-raħal. Ġie ssuġerit li nipprovaw li dawn is-sites jitpoġġew in-naħa ta' Hal Mann.

c. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet jekk jistgħax isir xi ħaġa għal-bars fi Triq il-Forn biex jibda jinġabar il-ħġieġ darba fil-ġimgħa.
d. Is-Sur Tabone qal li jista'  jsir pilot project anke ma' Ħal Balzan. Huwa ser jitkellem hu ma' Ħal Balzan.  Minn naħa tagħna irid jiġi identifikat kemm għandna bars ġo Ħal Lija.
e. Isir il-ġbir tal-ħġieġ kull nhar ta'ġimgħa ta' l-ewwel ġimgħa tax-xahar
f. Tqassim tal-Green bags.
g. Kampanji bħal ġbir ta' ħwejjeg tal-Inspire
h. Jista jsir a targeted campaign *f'apartment* blocks f'Ħal Lija u anke jistgħu jitwaħħlu stickers bit-Taljan, Franċiż u bl-Għarbi fil-lifts tagħhom.  Għandha tinġabar informazzjoni kemm hemm apartments blocks fir-raħal biex ikunu jafu kemm għandhom bżonn stickers.  Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat li fi Triq Salvu Mifsud hemm appartamenti li  jgħixu residenti Taljani.
i. Qed isir Kampanja Irriċikla u Irbaħ mal-GreenPak u anke irriċikla għal l-Istrina
j. Xi ħaġa important ħafna li qal is-surTabone huwa li jekk ikun hemm areas problematiċi fejn  residenti joħorġu l-boroż is-suwed meta mhux suppost, għandha ninfurmaw lill-GreenPak u dawn ikellmu u ifakkru lir-residenti.
k. Is-Sur Tabone qal ukoll li jekk il-Kunsill ikollu bżonn l-*expert advice* minn naħa tagħhom biex napplikaw għal xi proġett tal-EU, huwa jagħtu dan is-servizz b'xejn.
l. Bħala GreenPak qed jaraw ukoll kif ser jiġbru  il-WEE. (oġġetti elettroniċi)
m. Ser tinżamm laqgħa fis-26 jew fit-28 ta' April 2016 mas-Sur Daniel Tabone biex inkomplu niddiskutu dawn il-proposti speċjalment fuq il-ġbir tal-borża l-griża nhar ta' Tlieta.
n. Fis-6.05p.m. is-Sur Daniel Tabone ħalla l-uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa tkompliet.

3.9 Il-Kunsill iddeċieda  li jikkonferma li jżomm il-Kuntratt tal-GreenPak anke għal fatt li ser jagħtuna *refund* tal-*collection* tal-borża l-griża tal-passat u anke peress li huma lesti li jgħinu jekk il-Kunsill ikun irid japplika għal xi proġett ta' l-EU.

## 4. VIP LIST

4.1 Ex-Kunsillier li issa qed ikollu bżonn juża l-wheelchair, qed jitlob lill-Kunsill biex isir xi ħaġa biex ikun jista jinżel minn fuq il-bankina għax minħabba l-karozzi pparkjati, xi kultant dan ma jkunx possibli. Rampa għad m'għandhomx imma huma lesi li jagħmluha.

4.2 Is-Sindku u s-Segretarju spjegaw, peress li t-tnejn marru on site, biex jaraw x'hemm bżonn li jsir. Is-Sindku tkellmet mar-residenti li diġa għandhom rampa fit-tarf tat-triq biex tara jekk din tkunx tista tintuża' mir-resident li qed jitlob ir-rampa biex jekk jista' jkun ma jintilfux parking spaces. Is-Sindku qalet li filkas tiġi żurżieqa baxxa u tikber ftit ir-rampa. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.3 Resident li joqgħod Triq Annibale Preca fejn il-Knisja tal-Mirakli qed jagħmel request biex quddiem il-fetħa ta' l-entratura għad-dar u l-garage tiegħu ssir xi tabella għax minkejja li għandu double yellow lines mal-ġenb xorta qed jipparkjaw il-karozzi. Dan ir-resident huwa dak il-persuna li kienet infurmatna bih is-Sindku għax kien għamel żewġ ġebliet kbar tal-konkrit minħabba din il-problema li jipparkjawlu. Il-Kunsill kien avvża lir-resident biex jneħħihom għax kienu perikolużi. Għalhekk huwa qed jitlob biex issir xi ħaġa bħal tabella ħalli tipreveni lil min jipparkja u jagħlaq l-entratura għax inkella qal li se jerġa jitfa ż-żewġ ġebliet tal-konkrit. Il-Kunsill qabel li ma' din ir-request ta' yellow lines li għandna tinbagħat lit-TM filwaqt li jagħti permess lir-resident biex jagħmel sign ta' PRIVATE RESIDENT DO NOT PARK'.

4.4 Resident jixtieq jagħmel request biex ma jipparkjawx aktar quddiem is-sala tal-Mirakli għaliex qiegħdin jipparkjaw fuq il-bankina alavolja baxxa ħafna u min ikun għaddej bil-mixi irid joħroġ ħafna l-barra u għalhekk huwa perikoluż ħafna aktar u aktar issa li kif tafu tgħaddi tal-linja ukoll. Il-Kunsill iddiskuta din ir-request anke għal fatt li hemmhekk kienu diġa saru l-bollards tal-ħadid biex ħadd ma' jipparkja imma dawn tkissru bil-karozzi stess. Is-Sindku u S-Segretarju għandhom jerġgħu mmorru 'on site' biex jiġi verifikat iktar dan ir-request.

4.5 Residenti ta' Triq Giuseppe Cali' qed jitolbu biex jsiru il-linji taż-żebgħa, parking bays, u double yellow lines fi triq issa li saret bi tarmac.

A. Percius Car Hire anke qed jitlob biex qabel ma jsiru dawn il-linji jara l-pjanta ta' kif ser jiġu dawn il-linji. Jekk huwa possibli huwa qed jitlob ukoll biex isiru bollards quddiem l-entratura tal-Percius.
B. Kif ukoll resident ieħor qiegħed jitlob li jsiru linji tal-parking fosthom biex isir parking slot għal Motorcycle minflokk dak li sar ħdejn il-gate tal-ground tal-football.
C. Il-Kunsill qabel ma' dawn ir-requests imma għalissa iridu jibqgħu pending minħabba n-nuqqas ta' fondi.

4.6 Hawnhekk is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-costings tal-dawl taż-zebra crossing huwa d-doppju peress li l-kwotazzjoni kienet bħala unit

price. It-talba kienet għal żewġ lights u l-kwotazzjoni ntbagħatet bħala unit price. Għandha tinstab il-kwotazzjoni oriġinali u tintbagħat lill-Kunsilliera.

4.7 Is-Sindku nfurmat li fl-aħħar saru l-bollards f'Mosta Road c/w Triq Preziosi imma hija qed tgħid li ma sarux tajjeb peress li kif saru xorta waħda jistgħu iduru l-karozzi għal ġo Triq Preziosi. Is-Segretarju nfurmat li sa dak inhar tal-laqgħa ma kienx hemm lmenti.

4.8 Il-Kunsill iddiskuta l-problema tal-bankina fi Sqaq Nru. 2 Triq Preziosi. Is-Segretarju tat *overview* tas-suġġerimenti tar-residenti fejn naħa mhux qed taqbel man-naħa l-oħra. Infurmat lill-Kunsill li anke saret *petition letter*. Saret diskussjoni twila fuq dan is-suġġett. Is-Sindku qalet li ser tieħu ritratt ta' fejn hemm il-bollards f'Main Street u tieħu ritratt ta' Alley 2 Preziosi Street u terġgħa għal l-aħħar darba tistaqsi lit-TM biex japprovaw il-bollards. Kien hemm min issuġerixxa li jitwaħħlu tlett bankijiet imma din xorta waħda ma taħdimx. Ġie deċiż li importanti u urġenti għandha niġbru l-informazzjoni u l-korrispondenza kollha li għaddiet fuq dan is-suġġett u jinfetaħ file għalih. Is-Segretarju nfurmat li TM approvat walking line u l-kunsill mhux qed jara li b'dan tissolva l-problema, ġew approvati ukoll double yellow lines mal-garaxxijiet biex il-karozzi jipparkjaw man-naħa l-oħra imma hekk il-bibien tar-residenti jistgħu jiġu bblokkati u anke jiżdied il-periklu li peress li l-gallarijiet huma baxxi, jistgħa xi ħadd jaqbeż minn fuq is-saqaf tal-karozza għal ġewwa. Għandu jiġi konsultat il-Perit biex immorru 'on site' u nispjegaw it-tlett options li approvaw it-TM filwaqt u jiċċekkja ukoll l-għoli tal-gallarijiet meta nbnew u li naraw huwa x'jaħseb. Jekk il-Perit jgħid li l-gallariji fi żmien li nbnew, inbnew sewwa għal dak iż-żmien u jaqbel mas-suġġerimenti tat-TM, il-Kunsill japprova l-bankina. Għandu jerġa' jiġi konsultat l-Avukat tal-Kunsill biex jagħtina parir kif il-Kunsill għandu jaġixxi jekk kemm il-darba il-Kunsill ma jagħmilx dak li qed jitolbu ċerti residenti f'din it-triq. Il-Kunsiliera personalment huma responsabbli jew le għal deċiżjoni li jkun ħa li żgur mhux ser toġgħob lil kulħadd għax il-Kunsill qiegħed fin-nofs ta' din il-kwistjoni tkun xi tkun id-deċiżjoni.

4.9 Is-Segretarju talbet li meta tmur on site mal-Perit jiġu l-Kunsilliera. Is-Sindku ser tattendu għal din il-laqgħa mal-Perit on site.

4.10 Is-Sur Eric Azzopardi f'isem Flower Land qed jagħmel request biex issir canopy għall-Mother's day biex fis-6, 7 u 8 ta' Mejju ħdejn Kinds. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni fuq dan ir-request. L-importanti li huwa iħallas għal dan il-permess lill-Kunsill.

4.11 Resident reġgħa ġie l-Kunsill għaliex għandu problema kbira li baqgħet fi Triq Ġuzeppi Portelli għaliex jipparkjaw eżatt mal-kantuniera ta' l-entratura tal-garage. Il-Kunsill diġa bagħat kien TM u dan ir-request ġiet approvat billi jitneħħa parking space u jsiru double yellow lines mal-ġnub tal-garages. Hu ġie l-Kunsill fejn qal li ma jistax jibqa' sejer hekk għaliex jekk jolqot xi karozza hu u ħiereġ mill-entratura tal-

garages iżomm responsabli l-Kunsill għaliex approvazzjoni mit-TM hemm. Il-Kunsill kien ideċieda li ma jagħmilx dawn id-double yellow lines mal-ġnub għaliex jitlef parking space. Wara li saret diskussjoni fuq dan ir-request ġie deċiż li biex ma jintilifx parking space minflok one meter ta' yellow lines mal-ġnub tal-garaxxijiet isir half a meter. Għandha terġa' tintbagħat request lit-TM b'din id-deċiżjoni.

4.12 Resident għandu garaxx bl-isem Salvatur, fi Triq Ġużeppi Portelli. Quddiem dan il-garaxx għandu kaxxa safra u ma' ġenb il-garaxx fuq iż-żewġ naħat hemm kaxxa ta' parking. Huwa qed jagħmel request biex il-kaxxa safra tal-garaxx titwal ftit ieħor mill-ġnub u naturalment tonqos ftit waħda mil-kaxxi tal-parking. Dan għaliex qed jipparkjaw eżatt mal-garaxx tiegħu u bilkemm qed jkun jista' joħroġ. Din ilha tiġri u issa ma jiflaħx jissaporti aktar. Saret diskussjoni fuq dan ir-request u ġie deċiż li biex ma jintilfx parking għandha tintbagħat ittra lir-residenti ta' dik it-triq li peress li hemm problema ta' parking u niktbu li għandhom jirrispetaw lir-residenti u jekk iħabtu biex titneħħa xi karozza jikkoperaw u *l-parking regulations* japplikaw għal kulħadd.

4.13 Residenta li mhiex minn Ħal Lija, fl-10 ta' Novembru 2015, kellha aċċident u daħlet f'tappiera u nfaqalha tyre. Hija għandha kollox ritratti, irċevuta u rapport tal-pulizija. Hija trid tagħmel claim tal-ħsara. Kelmet lill-water services u qalula tmur għand il-Kunsill tal-lokalita'. Marret il-Kunsill ta' Ħal Balzan u anke ġiet xi darbtejn il-Kunsill ta' Ħal Lija. L-ewwel darba li ġiet aħna għidnilha li dik it-tappiera qiegħda f'Balzan Valley u mhux ma' Ħal Lija u trid tmur għand il-Kunsill ta' Ħal Balzan. Ħal Balzan qalulna li din taqa' mal-Kunsill ta' Ħal Lija u reġgħet ġiet għat-tieni darba fejn aħna imbagħad għednilha tkellem lil TM. Issa reġgħat ġiet hawnhekk għax ma' waslet imkien u reġgħat ġiet biex tagħmel claim hawn għax fuq ir-rapport għandha miktub li t-triq ta' din it-tappiera hija Triq Wigi Muscat. Ġie ikkuntajt il-Flood Relief Section u kkonfermaw li t-tappiera mhux taħt ir-responsabbilta' tagħhom imma tal-Kunsill. Wara li saret diskussjoni ġie deċiż li dan l-ilment għandu jintbagħat lill-Avukat għal parir tiegħu.

4.14 Resident qed jitlob biex tintbagħat ċirkulari lin-nies kollha ta' Ħal Lija minħabba l-ħmieġ tal-klieb. Qed jkun hawn ħafna ħmieġ tal-klieb fit-toroq. Talab ukoll biex forsi inkellmu lill-Kunsilli Lokali tal-viċinanza ta' Ħal Lija bħal Ħal Balzan u Ħ'Attard għax darba qabad lil min jħammeġ u ma kienx minn Ħal Lija iżda minn Ħal Balzan. Minħabba li min qed iħammeġ mhux bil-fors li huma r-residenti, ġie deċiż li jitwaħħal notice biex jinġabar il-ħmieġ tal-klieb.

4.15 Residenta ġiet tgħid lill-Kunsill li dawk il-'cat eyes' li hemm quddiem il-knisja fl-art jixgħelu huma perikolużi. Hija waqgħet fihom u weġgħat irkobbitha. Qalet li jekk terġa' taqa' u jfettila tikser sieqha se tfittex lill-Kunsill. Ġie deċiż li s-Sindku u s-Segretarju mmorru 'on site' u jaraw liema 'cats eyes' iridu jinqalgħu, nsoddu t-toqob puliti u l-cats eyes li jinqalgħu jitwaħħlu fir-roundabout fi Triq San Liċinju.

4.16 Request mingħand residenti li qalu lis-Sindku Magda Magri Naudi biex fi Triq Carmelo Farrugia l-karozzi għandhom jipparkjaw facing curb fl-area li qeda semi circular. Ġie deċiż li din is-sign tiġi ordnata.

4.17 Residenta li tieħu t-tfal l-iskola kuljum qiegħeda tagħmel request biex it-triq tingħalaq waqt il-ħin ta' l-iskola bejn 8:15a.m. u 8:45a.m. u bejn 2:15p.m. u 2:45p.m. kemm minn naħa ta' Transfiguratin Avenue int u dieħel għal Robert Mifsud Bonniċi u kemm minn naħa ta' l-University Residence għaliex ħdejn is-Safety ta' tfal ma joqgħod ħadt. Kuljum qegħdin jgħaddu l-karozzi bl-adoċċ u alavolja ikun hemm pulizija dan ikun quddiem l-iskola u ma jistax ilaħaq ma' kollox.

4.18 Saret diskussjoni u ġie deċiż li għandna nibdew billi niktbu ittra lill-Head Mistress ta' l-iskola biex hi tinforma lill-parents tat-tfal li peress li kull filgħodu u wara nofsinhar qed ikun hemm konfużjoni fi triq ta' l-iskola, kemm huwa possibli li isir parking fl-Avenue u fil-Pjazza, li għandhom iġibu rispett lir-residenti tal-garaxxijiet billi ma jipparkjawx quddiem dawn il-garaxxijiet, li ma jsirx parking fil-kantunieri u ma jsirx double parking. Għandna ninfuraw ukoll li Wardens ser jibdew iduru waqt il-ħinijiet ta' l-iskola. Saret diskussjoni fuq jekk għandix jew ma għandix tingħalaq, il-Kunsill reġgħa ma qabilx li t-triq tingħalaq għax f'ebda skola privata f'Malta it-triq ma tingħalaq. Ġie deċiż li ngħidu l-Warden tar-ronda biex kull tant żmien ikun preżenti waqt il-ħin ta' l-iskola biex jara li ma jkunx hemm konfużjoni.

4.19 Residenti qed jagħmlu request biex issir mera fi Triq Pantar fejn il-Pama Village in-naħa ta' l-exit ta'wara inti u sejjer lejn Ħ'Attard. Huma qalu li hija perikoluża ħafna għax qas tara jekk ikunux ġejjin karozzi u għalhekk hemm bżonn ta' mera għax anke mhux l-ewwel darba li ħabtu hemmhekk. Din ir-request ġiet approvata u għandha tintbagħat għall-approvazzjoni tat-TM.

4.20 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-Budget għas-sena 2016 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dan kien diġa ġie diskuss u issa approvat unanimament.

4.21 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill e-mail mingħand il-Minority Leader Dr. Marc Sant fejn qed jgħid li xi ħaġa trid issir fil-crossroads fi Triq tal-Kunsill c/w Transfiguration Avenue u anke Triq Fernand Gregh c/w Trasfiguration Avenue, qabel ma jkun tard wisq, għax ta' sikwit isiru accidents. Huwa qed jisuġerixxi li jsiru safety railings fl-erba kantunieri, sleeping policeman, bħal ma kien diġa hemm fi Triq Robert Mifsud Bonniċi. Ġie deċiż li isiru l-iron bars u jinstabu sponsors jew inkella nagħmlu notice 'advertise Here' fuq ir-railing. Qabel ma jiġu ordnati dawn il-bars tal-ħadid l-ewwel irridu l-approvazzjoni tat-TM.

4.22 Is-Sur Joseph Mangion li qed jieħu ħsieb iċ-ċimiterju, qed jitlob lill-Kunsill biex jagħtih permess biex juża l-ilma tal-ġibjun ta' ħdejh biex isaqqi iċ-ċimiterju. Anke inqala il-fatt li s-Sur Mangion kien talab sweeping machine lill-Kunsill u kien ġie approvat li iselfuwilu imma din

s'issa ma ġietx lura. Għandu jiġi indagat x'ġara minn din l-sweeping machine u jirritorna lura. Wara li l-Kunsill iddiskutew din ir-request ġie deċiż li l-Sindku tkellem hi lill-Kappillan, tfehmu u tgħidlu li l-Kunsill jgħin imma peress li ma għamlitx xita, il-Kunsill għad irid jieħu deċiżjoni.

4.23 Ittra mingħand Soċjeta' Mużikali San Pio X xtaqu jagħmlu request biex il-Kunsill Lokali isemmi triq għal President Louis Caruana. Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u s-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li way back kienet saret lista, din ir-request għandha tiżdied ma din il-lista u din tiġi riveduta. Is-Sindku qalet li t-triq trid tiġi identifikata. Għanda nirrispondu lill-Kazin San Pio X li r-request tagħhom ser tiġi riveduta, l-isem ser jiżdied mal-lista li l-Kunsill diġa għandu u irridu nidentifikaw toroq ġodda.

## 5. VACANCY PART TIME CLERK BACK TO BACK BASIS

5.1 Is-Segretarju poġġiet lista fuq il-mejda tal-Kunsill ta'min applika għal dan il-post ta' part time clerk wara li saret sejħa lill-ETC. Kienu eliġibbli li japplikaw 141 u applikaw 24 għal din il-vacancy. Is-Segretarju nfurmat li wara li ħarġet sejħa interna lill-Kunsilli u lir-Reġjuni, applikat waħda u sar l-interview. Dan l-interview tmexxa mis-Sindku, s-Segretarju u mis-Sinjorina Lorraine Farrugia peress li l-Kunsilliera l-oħra ma setgħux jattendu. Din il-persuna ma ntagħżlitx. Is-Segretarju nfurmat li l-ETC ikkonfermaw li jista jsir short listing mill-lista li bagħtulna.

5.2 Waqt il-laqgħa l-Kunsilliera bdew jaraw il-lista u CV's ta' l-applikanti u bdew jagħmlu short listings.

5.3 Ġie deċiż li nsejjħu lill-applikanti għall-interview nhar l-Erbgħa 27 ta' April bejn il-11.15a.m. u 1.00p.m. u għandna nistaqsu lill-Minority Leader Dr. Marc Sant biex jikkonferma jekk ikunx jista jattendi għall-interviews flimkien mas-Sindku u s-Segretarju. Is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera preżenti biex jattendu għal dawn l-interviews.

## 6. KOMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERA

6.1 Is-Sindku tkellmet fuq il-laqgħa li hija flimkien mas-Segretarju kellha ma' l-Onorevoli Decelis fuq il-burokrazija. Kellhom jintbagħtu l-minuti pero s'issa għadna ma irċevejnihomx. Meta dawn jaslu għandhom jiġu forwarded lill-Kunsilliera. Ġew idendifikati ċerti areas fejn hemm burokrazija żejda. Tkellimna miegħu fuq il-bye-laws li ilna sena u dawn għadhom mhux konklużi. Huma talbu biex nibagħtu l-korrispondenza s'issa fuq il-bye-laws biex ikunu jistgħu jagħmlu follow-up fuqhom. Dawn intbagħtu. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq l-attivitajiet tat-tfal pero minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja baqgħet lura. Il-problema hija ukoll in-nuqqas ta' parteċipazzjoni.

6.2 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar reġgħet fakkret li meta jiġi l-perit fuq Alley 2 Prezisi Street 'on site' ngħidulu jerġgħa jara ukoll fuq ir-request tal-bankina ħdejn il-bars fi triq il-Forn. Barra minnhekk għandna tintbagħat ittra lis-sidien tal-bars biex ngħidulhom jipruvaw biex darbtejn f'ġimgħa għandhom jiftehmu flimkien biex isir delivery fl-istess ġurnata u fl-istess ħin.

6.3 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet għaliex il-biċċa daħla żgħira fi Triq Ġużeppi Portelli għada ma tnaddfitx kif kien ġie miftiehem. Is-Segretarju nfurmat li kif kienet diġa nfurmathom dik il-biċċa xogħol ma jistgħux jagħmluha huma u irridu nġiebu xi inġejni biex issir. Ġie deċiż li għandna ngħidu lill-Kuntrtattur il-ġdid biex inaddafha hu.

6.4 Is-Segretarju nfurmat li t-tenders issa ser jibdew joħorġu electronic u l-proċedura tat-tendering issa ser tkun differenti u hemm bżonn li żewġ Kunsilliera ikunu commited biex jinfetħu u jiġu adġudikati dawn it-tenders.

## 7. APPROVAZZJONI TA' L-ISKEDA TA' ĦLASIJIET U APPROVAZZJONI TAL-PETTY CASH

7.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvatx il-pagamenti nr 1 and 2 tal-Waste Collection .

7.2 Fuq proposta tas-Sinjura Stephanie Cutajar sekondata mis-Sur Massimo Scerri l-iskeda tal-ħlasijiet u l-petty cash ġew approvati.

## 8. TMIEM

8.1 Saret diskussjoni fuq id-data tal-laqgha tal-Kunsill peress li din kienet diġa diskussa fil-laqgħa ta' qabel u li kienet l-20 ta' Mejju 2016 imma l-Minority Leader Dr. Marc Sant ma jistax jattendi għal laqgha f'din id-data. Il-Kunsilliera iddiskutew u iddeċidew li l-laqgħa li jmiss ser isir nhar il-Ġimgħa 13 ta' Mejju 2016 fil 05.00p.m.

Is-Seduta imtemmet f'20.00 hrs b'mod unanimnu.

| | |
|---|---|
| Magda Magri Naudi | Georgette Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |